RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 12**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar**
**Il-Ġimgha 29 ta' Lulju 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv |

Skuzata:

| | |
|---|---|
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |

1.00 **Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A11**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 11 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Is-Sna. Etienne Stephania Gatt issekondat din il-proposta. Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A11

2.00 **Approvazzjoni tal-Minuti A11**

2.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti jigu approvati. Issekondat din il-proposta s-Sna. Etienne Stephania Gatt. Approvazzjoni tal-Minuti A11

3.00 **Punti li johorgu mil-minuti A11**

3.01 4.01 Is-Sur Christopher Farrugia staqsa fiex kien wasal il-progett tad-Dahla. Ic-Chairperson Is-Sur Pace Bonello informa l-laqgha li ma kien ghad hemm l-ebda zviluppi godda. Ghaldaqstant huwa talb li l-Kunsill ghandu jerga jaghmel kuntatt mac-Chairman tal-MEPA s-Sur Austin Walker. Il-Kumitat qabel. Zvilupp fil-Progett tad-Dahla

Ic-Chairperson is-Sur Pace Bonello ppropona li tittwessa l-bankina ta' Triq l-

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| | Buskett in-naha ta' taht Villa Messina u l-bankina tan-naha l-ohra tidjieq. | |
| ** | L-Vici Chairperson il-Profs. Anthony Grixti Soler dahal ghal-laqgha fis-7.00p.m | |
| 3.02 | 7.05 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha, li fl-laqgha F30 l-Kunsill kien iddecida li jaghmel talba lil TM biex issir 'Traffic Assessment 'dwar it-toroq tat-Rabat li fih jinkludi ukoll l-area tal-Virtu. | Skema ta' parkegg fit-toroq tal-lokalita |
| 3.03 | 8.01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-applikazzjoni mal-MEPA dwar qlugh ta' s-sigar li jinsabu fuq il-bankina fi Triq Guzeppi Caruana kienet inbaghtet. | Qlugh ta' sigar fi Triq Guzeppi Caruana |
| 3.04 | 8.02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv talbet lil Kumitat id-dettalji tal-persuni li joqghodu f'zewg residenzi privati fi Triq Robert Samut. Is-Sur Pace Bonello informa lil kumitat li f' dawn iz-zewg residenzi ma joqghod hadd. | Sigar fi Triq Robert Samut |
| 3.05 | 8.03 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-Perit John Schembri tal-Government Property Division, kien informa lil kunsill li gabar tlett kwotazzjonijiet biex isiru x-xogholijiet fuq il-hajt fi Triq Godwin Ganado u li dawn il-kwotazzjonijiet kien ghaddihom lis-Sna Nancy Caruana ghal approvazzjoni tad-Direttur tal-Finanazi. | Hajt fi Triq Godwin Ganado |
| 3.06 | 8.04 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-kunsill ser jikteb lil Green MT biex il-'Bring in Sites' fi Triq l-Buskett jittnehhew. | Bring in Sites fi Triq il-Buskett |
| 3.07 | 8.06 Is-Sur Pace Bonello qal li l-'bins' tal-belveder kienu inbidlu pero hemm bzonn li jsiru aktar 'bins'. L-Agent Segretarju Ezekuttiv kellha tara' min bidel dawn il-bins u meta peress li l-kunsill ma kien ta l-ebda ordni biex dawn il-bins jinbidlu. | Bdil ta' bins - Belvedere |
| 3.08 | 8.07 Is-Sur Pace Bonello nforma l-laqgha li t-tlett tappieri tad-drenagg li nqalghu fi Triq Franceso Azopardi kienu saru. | Tappieri tad-drenagg fi Triq F. Azzoprdi |
| 3.09 | 8.10 Dwar dan il-punt, il-Kunsill qal li ma gew registrati l-ebda rapporti fl-ufficcju tal-Kunsill, ghaldaqstant jekk il-membri tal-KA qed jigi avvicinati min xi residenti dawn ghandhom jinfurmawhom biex jaghmlu rapport ufficcjali lil 'customer care' tal-kunsill. | Kastell tal-Virtu |

**4.00 Skema ta' parkegg f'toroq A. Curmi u G. Caruana**

Il-Kumitat qabel li jistenna sakemm TM taghmel it- 'Traffic Assessment' dwar it-toroq tat-Rabat. — Skema ta' parkegg f'toroq A.Curmi u G. Caruana

**5.00 Tnehhija ta' arbli tad-dawl fi Triq l-Buskett**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa l-laqgha li saret l-applikazzjoni mal-Enemalta biex jitnehhew l-arbli tad-dawl fi Triq l-Buskett. — Tnehhija ta' arbli tad-dawl fi Triq l-Buskett

**6.00 Tindif u rrangar tat-toroq ta' taht il-kastell li taghti ghall-Wied tal-Isqof**

6.01 Is-Sur Pace Bonello ppropona li l-kunsill ghandu jintervjeni biex it-trejqa li taghti min taht il-Kastell tal-Virtu ghall-Wied tal-Isqof tinghata l-attenzjoni mehtiega mill-gvern centrali. Hu qal ukoll li hemm bzonn li tigi mnadfa mill-iskart u mill-haxix hazin, jittrangaw il-hitan tas-sejjieh u jsir xoghol ta' manutenzjoni fil- wicc tat-triq, biex din it-trejqa tkun tista tintuza bhal triq sekondarja. — Tindif u Trangar tat-toroq ta' taht il-kastell li taghti ghall-Wied tal-Isqof

Is-Sur Christopher Farrugia ssugerixxa li din it-trejqa ghandha issir mill-MEPA stess wara li jinhargu il-permessi mehtiega ghal progett tat-tkabbir tas-seminarju fi skola primarja u sekondarja.

**7.00 Affarijiet ohra**

7.01 Il-Kumitat ippropona li l-'Bring in Sites' jittpoggew lura hdejn in-nunzjatura tas-seminarju faccata tal-Belverder. — Bring in Sites

7.02 Is-Sur Pace Bonello ssugerixxa li terga tintbghat 'reminder' lis-Sur Martin Bajada, Assistent Direttur (Infurzar) Dipartiment tal-Artijiiet, dwar l-izbir tas-sigar u tnehhija tal-iskart li hemm fis-sit maghruf bhala l-Belvedere. Il-Kumitat qabel. — Zbir ta sigar u tnehhija ta skart fis-sit tal-Belvedere

7.03 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-kumitat li l-kunsill kien ircieva talba mil-Magistrat Giovanni Grixti ghal 'reserved parking bay' go Triq Guzeppi Caruana. Hi qalet ukoll li Magistrat huwa intitolat ghal 'reserved parking bay' hdejn ir-residenza tieghu. Il-Kumitat qabel. — 'Reserved Parking Bay' go Triq Guzeppi Caruana

7.04 L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-kumitat li fl-laqgha F30 il-Kunsill kien qabel mad-decizzjoni tal-KA li ssir l-bankina ta' Triq Francesco Azzopardi u li pproponew ukoll li tintalab stima lil perit tal-Kunsill, ta kemm tigi l-parti l-ohra tal-bankina li taqad l-ewwel skema mat-tieni skema. Il-Kumitat qabel. — Bankina ta' Triq Francesco Azzopardi

7.05 L-Agent s-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-kumitat li l-Go Plc ghamlet talba lil kunsill biex jaghmlu 'Erection of Cabinet & Hollow Plinth' go Triq Francesco — Permess lil Go Plc

Azzopardi. Il-Kumitat qabel li jinhareg il-permess.

7.06 Is-Sur Anthony Grixti Soler talab li ninfurmaw lil pulizija li hemm hajt ta' residenza privata fi Triq Flamingo ma' Triq Ganado li ser jaqa'. Il-Kumitat qabel.

Hajt perikoluz ta' residenza privata fi Triq Flamingo ma' Triq Ganado.

7.07 Is-Sur Christopher Farrugia qal li kultant zmien l-ilma tal-vit tal-area tal-virtu qed ikollu toghma hazina hafna. Ghaldaqstant huwa ppropona li l-Kunsill jikteb lil WSC dwar dan l-ilment.

Ilma tal-vit b'toghma hazina

7.08 Is-Sur Grixti Soler qal li Triq Godwin Ganado hdejn il-bieb ta' wara tas-seminarju hemm sigra tal-kappar li hemm bzonn tinzabar. L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa l-laqgha li s-sigar tal-kappar huma protetti u ghalhekk biex din is-sigra tinzabar l-ewwel trid issir applikazzjoni mal-MEPA. Il-Kumitat qabel.

Zbir ta' sigra tal=-kappar go Triq Godwin Ganado

**8.00 Aggornament**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011.

Aggornament

9.02 Il-laqgha ntemmet fid-9.00 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**